## KUNSILL LOKALI NADUR

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Nadur**

## GĦAXAR (10) LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru Sebgħa u Għoxrin (27)

## 20 ta' April 2026

Il-Kunsill Lokali tan-Nadur iltaqa' fis-sala tal-Kunsill fl-4:30pm.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Edward Said | Sindku |
| Kevin Curmi | Viċi Sindku |
| Dr. Rebecca Vella | Kunsilliera |
| Eucharist Camilleri | Kunsillier |
| Jean Paul Portelli | Kunsillier |

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Sue Ellen Buġeja | Segretarju Eżekuttiv |

Il-laqgħa bdiet b'talba.

**27.1. Qari tal-ittri ta' l-apoloġiji.**

Elisa Buttigieg, l-Ambaxxatur taż-Żgħażagħ kienet skuzata.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

**KUNSILL LOKALI NADUR**

**27.2. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti u Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti;**

Il-Minuti tas-Sitta u għoxrin il-laqgħa (26) tat-25 ta' Marzu 2026 ġew approvati, iffirmati u ddikjarati bħala dokumenti uffiċjali. Dawn kienu ntbgħatu lil Kunsilliera bil-quddiem għall-kunsiderazzjoni tagħhom. Filwaqt li dawn ġew approvati unanimament, l-iskeda tal-pagamenti numru 26 ġiet iffirmata. Din ġiet iffirmata mis-Sindku, Segretraju Eżekuttiv, Proponent- Rebecca Vella u Sekondant- Eucharist Camilleri.

Kien hemm xi kontijiet li daħlu fl-aħħar ġurnata, u dawn ġew spjegati lil Kunsilliera u aċċettati sabiex jidħlu fl-iskeda. Kien hemm qbil dwar l-iskeda tal-paġamenti.

Is-Segretarju Eżekuttiv tat update rigward l-Audit li kellha għaddej.

L-ftehim tal-Club tal-klabb tal-futbol huwa lest kemm jiġi iffirmat u naħdmu fuq Service agreements mitluba mill-compliance.

Kien hemm qbil li jitħallas 5k ħlas lil Gatt Construction fuq kont pendenti tat-toroq PPP.

Laqgħa online tad-deficit ser tkun fit-13 ta' Mejju.

Laqgħa tal-għeluq tal-Compliance Audit ma OPM ser tkun fis-6 ta' Mejju, Malta.

Qbil li jinġabru kwotazzjonijiet għal 50 barrier biex jintużaw għal l-attivitajiet.

Il-Kunsillier Eucharist Camillieri għamel suġġeriment biex f'dawn it-tlett snin isir proġett kbir mill-Kunsill.

Il-Kunsill ser ikun qed jitlob fuq il-Karnival għal Attivita' Nazzjonali li trid tibda tkun fully Funded.

Ser jidħlu 2500eur refund fuq is-sistema tal-Permessi. Daħlu 4,500 tal-Halloween minn naħa tal-MGP u l-allokazzjoni tal-Kunsill.

**27.3. Komunikazzjoni mis-Sindku, mistoqsijiet u żviluppi mil-Kunsilliera;**

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

**KUNSILL LOKALI NADUR**

Pendenti minn dak mitlub:

***Sar xogħol mit-talbiet ta' kull kunsillier matul l-aħħar xahar.***

- Sindku:- zbir tal-palm, Ħitan sejjieħ Wied Riħan, Bankina fi Triq Zernieq, Yellow lines ta' Sopu biex napplikaw.
- Viċi Sindku :- tabelli ta' speed limits fi Triq tad-Duru u tabella Daħlet Qorrot mooring.
- Avv.Rebecca Vella :- Ma hemm xejn pendent.
- Eucharist Camilleri :- Qtugħ tal-bajtar fi Triq San Gakbu u yellow lines fi Triq San Koronatu.
- Jean Paul Portelli :- Rampa f'Wied Bingemma u Repaint tas-sinjali fi Triq Grunju suwed.

**Updates u rikjesti mill-Kunsilliera:**

**Sindku:**

Triq it-Tiġrija -Is-Sindku ta' update.

Triq L-Emigranti- lesta. Jonqos sinjali fil-kantuniera.

Town Twinning Claim ta' Zafferana- Qed jaħdem fuq rapport il-Viċi Sindku Kevin Curmi u jiġi submitted.

Twinning Funds – Kien hemm qbil li jiġi applikat fuq Hungary u jekk niġu mgħazulin isir ma' l-għaqdiet tar-raħal.

Latrina l-ġdida San Blas – Is-Sindku ta update fuq ix-xogħol.

Is-Sindku ta update fuq il-Multiplay tal-Ħali.

Tour Hungary- Is-Sindku ta update.

Fondi EU –Il-Kunsill ser iressaq proposta lil Galea and Curmi fuq dwal fi Ġnien il-Kunsill biex jaħdmu fuqha.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

Garage fi Triq it-Tramuntana- Il-Kunsill ser jkun qed joħrog fl-aħħar ta' dan ix-xahar t'April 2026.

Triq ir-Ramla- Is-Sindku ta update fuq l-addendum.

Zbir fi Triq Guze Ellul Mercer-Dan ser isir minn naħa tal-MGOP. Il-Kunsill ser jitlob ukoll għal Pjazetta u Wied Bingemma.

Swimming zone f'Daħlet Qorrot- Il-Kunsill qed jara x'jista' jsir fuq din.

Torri ta' Kenuna- Is-Sindku ta' update.

Summer Courses- kien hemm qbil fuqhom kollha.

Is-Sindku ta' update fuq l-applikazzjonijiet ta' l-iskemi.

Talba għal Traffic management lines fi Triq Xurdin ma Triq Għajn Qasab

Talba għall-Kaxxi tal-parkings Qala road fl-aħħar biċċa

Talba għal sinjal isfar quddiem bieb tal-Muzew tas-subien

Talba għal sinjal isfar kantuniera ma' Triq Dun Gwann Camilleri

Talba għal ħadida fi sqaq Madre Gemma Camilleri

Talba għal sinjal isfar faċċata ta' garage fi Triq l-Emigranti.

Talba għal rmapa tas-sement fi Triq Emigranti

**Kevin Curmi:**

Imsemma fl-updates tas-Sindku (Town Twinning Claim).

Talba għall-fjuri Selvaġġ fir-roundabout fi Triq it-Tramuntana.

**Rebecca Vella**

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

**KUNSILL LOKALI NADUR**

**Korsijiet fis-Sajf-** Kien hemm qbil li l-korsijiet ikunu dawn:-

Presepji

Arti

Ġanċ

Bizzilla

Modelling

Pilates

Dr. Rebecca Vella qed tgħin fl-applikazzjonijiet għal skemi- clean up, Milied u Karnival.

Easter hunt fil-librerija kienet ta' suċċess kbir.

Ser jiġu installati dilwaqt side walks libraries.

Saret laqgħa mas-Surmast u PTA rigward il-bins li hemm barra.

Talba biex titwaħħal dead end fi Triq l-Emigranti.

Talba biex titmexxa pjanta fil-Pjazza 28 t'April 1688.

Dr. Rebecca Vella gibdet l-attenzjoni fuq suġġeriment li kellha ta' kif jimxi traffiku wara l-funerali. Kien hemm qbil li jitħalla hekk.

**Eucharist Camilleri:**

Ser jieħu ħsieb il-Ħarga tal-anzjani li jmiss f' Malta. Ser ikun hemm quddiesa fil-Kunvent tas-sorijiet tal-klawsura u jmorru l-Isla r-Redentur.

Faħħar is-sistema l-ġdida tal-Gvern tal-magna tal-Knis.

Ta update fuq ic-Charter u informa li saret l-applikazzjoni tal-EU minħabba fondi għal Charter.

Kien hemm qbil li jitħallas transport u l-ikel tradizzjonali Malti għal culunery night tad-delegazzjoni taz-zgħazagħ gewwa Bievre.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

Faħħar ukoll id-Dramm u qal li kienet ta' success u li kien hemm attendenza tajba.

Talba biex jinqata' l-bajtar fi Triq San Gakbu.

**Jean Paul Portelli:-**

Talba biex jitranga passaġġ fi Triq SanBlas. Għalissa mhux ser isir għax hemm it-tul.

Bankina fi triq il-Mitħna l-Qadima.

Ta update fuq il-Wirja Agrarja.

**27.5. Korrispondenza**

Attivita Pjazza għal Pjazza- L-applikazzjoni ma ġietx approvata.

Bicycle racks- Kien hemm qbil li jsiru tnejn fejn il-playing fields.

Talba mingħand Perit rigward Sqaq Fi Triq Madre Gemma Camilleri. Il-Kunsill ser jara ezatt liema qabel.

Qorti fil-25 ta' Mejju minħabba incident li sar fi Triq ir-Rabat.

Bozza bl-arblu fi Triq it-Tramuntana- Kien hemm talba biex jitħarek minħabba bini. Ser jintbgħat kollox lil Enemalta bil-pjanti approvati minn naħa ta' Awtorita tal-Ippjanar biex jaraw huma fejn jiġi imċaqlaq arblu u l-bozza.

Peress li qed jinsisti resident fi Triq FS Sciortino għal sinjali sofor kien hemm qbil li tintbgħat lil TM għal risposta minn naħa tagħhom.

Talba għal Bozza ġdida fi Triq Girgor Buttigieg. Il-Kunsill ser jara fejn.

**27.6 Offerti Pubblici.**

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

## KUNSILL LOKALI NADUR

Ser nibdew naħdmu u noħorgu l-offerti tal-Ħali – dawl u rubber, L-offerta tar-restawr tal-Monument ta' Ġnien il-Kunsill, sqaq Pjazza Dun Martin Camilleri u Belveder tad-Duru u Belvedere tal-Gebel l-Aħmar.

Inħarget l-offerta tal-Kiri ta' Van, sement u kiri ta' machinery

Ser noħorgu l-offerti tal-Wine Festival.

*NLC/01/2026-Services-Distribution works in a public convenience in San Blas, Nadur* – Kien hemm offerta waħda. Kien hemm qbil li l-offerta tingħata lil Mark Attard bl-ammont ta' 20,929.00 euro (vat mhux inkluż) wara li kienet l-orħos u konformi u rakkomandata mill-board tal-evalwazzjoni.

**27.7. Progetti u skemi:**

**Fondi LESA ġodda**- Il-Proġett tal-Gebel l-Aħmar ġie approvat u inriedu noħorġu l-offerta.

**Skema LESA (Latrina San Blas)** u fondi DPF– inriedu ngħalqu ma' DPF rigward fondi ghas-servizzi.

**Triq ir-Ramla** – Ser nibdew pjan għat-tieni kisja.

**SPI/SCI/02/2024-Finanzjament-Komunijiet aktar b'saħħithom u inklussivi** (għal equipment fil-playing field tal-Ħali) – Ix-xogħol jitlesta f'April.

**Proġett Pjazza** – ser nistennew stimi u l-pjanijiet.

**SPI.SCI.06.2025- Fond ta' Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali (tal-Ħali)**- Qed naħdmu fuq l-offerta.

**SPI.SCI.07.25- Finanzjament Komunitajiet aktar b'saħħithom u ta' kwalita'**(Tad-Duru). Qed naħdmu fuq l-offerta.

Kien hemm qbil li jiġu applikati dawn il-proġetti fuq skemi – it-tapit tal-Playing field ta' San Blas u Il-Belvedere ta' DC Cocco Palmeri li nirranġaw gym area, reading spaces, bankijiet u bins ġodda, dwal ġdid, nirranġaw railing u jsir pavimentar ġdid.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

## KUNSILL LOKALI NADUR

**26.8. Attivitajiet, Inizzjattivi u Ħidma Soċjali:**

**Dramm 2026-** kienet ta' suċċess kbir u kien hemm attendenza kbira.

**Wine Festival 2026**- Bands u ikel kollu lest. Ir-reklam daqt joħroġ u kien hemm qbil li tinħareġ sejħa lil għaqdiet fuq bars.

**Wirja 2026** – Għadej diversi xogħol u mimlija l-wirja. Is-Sindku irringrazzja lil Rebecca u Jean Paul ta' l-għajnuna. Ser jaraw disinn Rebecca u s-Sindku. Il-Kukkardi u trophies ha ħsieb Jean Paul. Ser ikun hemm momentum taż-żwiemel. Rigal ser ikun limoncello tan-Nadur. Ġaġġi ser nibgħatu reminder fuqhom.

**Ikla Tradizzjonali**- Is-Sindku irringrazzja lil Eucharist u Natalie. Il-Programm huwa lest. Ser jiġi Fabrizio Faniello, folk ta' Verna u Maria Portelli compare.

**Festa Tfal-** Din is-sena ser ikun hemm aktar logħob u ma jkunx hem mpalk. Kien hemm qbil fuq LED's tqassim lit-tfal għal manifest tat-tfal.

**27.9. Materji oħra;**

Is-Sindku għamel mozzjoni biex il-Proġett tal-football area jingħata priorita'. Il-Mozzjoni ġiet sekondata mill-Viċi Sindku Kevin Curmi u kien hemm qbil bejn kullhadd.

**27.10. Tmiem tal-laqgħa.**

Il-laqgħa spiċċat fil- 6:30pm. Data tal-laqgħa li jmiss ser tiġi diskussa aktar il quddiem.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva